MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 130/2022LM

**Mapfre Middlesea p.l.c. (C 5553) kif surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Daniela Ciantar (K.I. nru. 296591(M)), u b'digriet tal-1 ta' Marzu, 2023 l-istess Daniela Ciantar**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Elia Debono (K.I. nru. 0509641(M)) u Argus Insurance Agencies Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited li b'digriet datat 1 ta' Frar, 2021, isem l-assigurazzjoni ġie mibdul għal Argus Insurance Company (Europe) Limited [Reg. Nru. OC 1216]**
*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati **Elia Debono (K.I. nru. 0509641(M))** u **Argus Insurance Agencies Limited għan-nom u in**

**rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited** u b'digriet tal-1 ta' Frar, 2021, isem l-assigurazzjoni ġie mibdul għal **Argus Insurance Company (Europe) Limited [Reg. Nru. OC 1216]** [minn issa 'l quddiem flimkien 'l-appellanti'], minn lodo arbitrali mogħti fis-27 ta' Settembru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], mill-Arbitru l-Avukat Kevin Camilleri Xuereb [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'] fl-atti tal-Arbitraġġ numru M6035/2020, li permezz tiegħu ddeċida t-talba tas-soċjetà rikorrenti **Mapfre Middlesea p.l.c. (C 5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha Daniela Ciantar, u anki l-istess Daniela Ciantar** [minn issa 'l quddiem flimkien 'l-appellati'], kif ġej:

> *"...għall-inċident li seħħ fis-27 ta' Novembru, 2017 fi Triq Dun Karm ġewwa Birkirkara, li fih kienu involuti l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBO-517, misjuqa mir-rikorrenti Daniela Ciantar u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAV-186, misjuqa mill-intimat Elia Debono, jaħti unikament l-intimat Elia Debono. Bħala konsegwenza, t-talba tar-rikorrenti qed tiġi akkolta kif dedotta, u għalhekk l-intimati, solidalment bejniethom, qegħdin jiġu kkundannati, jħallsu l-ammont ta' erbat elef, erbgħa mija u ħamsa u għoxrin ewro [€4,425.00ċ] lill-assikurazzjoni rikorrenti bħala danni sofferti minnha per konsegwenza tal-inċident* de quo *u l-ammont ta' mitt ewro [€100.00ċ] lir-rikorrenti Daniela Ciantar rappreżentanti l-*excess.
>
> *Rigward l-ispejjeż tal-preżenti proċeduri u ta' dawk l-atti ġudizzjarji msemmija fit-Talba bil-Miktub, dawn għandhom jiġu ukoll sopportati nterament mill-intimati, bl-interessi bir-rata ta' 8% fuq l-ammont komplessiv dikjarat bħala dovut (i.e., €4,525.00ċ) dekorribbli mit-30 ta' Settembru, 2019 (data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Settembru, 2019 (fn. 15 Eżibita mir-rikorrenti fis-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2021 (Ittra bin-numru 197/2019) li turi wkoll it-timbri tan-notifika relattiva u kif ukoll li fiha kien ġie indikat l-ammont speċifiku mitlub f'dawn il-proċeduri) sad-data tal-ħlas effettiv."*

**Fatti**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa 'l quddiem 'l-inċident'] li seħħ fis-27 ta' Novembru, 2017 f'Triq Dun Karm ġewwa Birkirkara, fejn kienu nvoluti l-vetturi bin-numri rispettivi ta' reġistrazzjoni EBO 517, DAV 186, u BBS 609, misjuqa rispettivament mill-appellata, l-appellant, u ċertu Johann Cordina. Ġara li l-appellant li kien ġej mid-direzzjoni ta' L-Iklin, ħareġ minn triq sekondarja Triq Ċensu Busuttil għal fuq it-triq prinċipali Triq Dun Karm quddiem il-vettura tal-appellata, li kienet qegħda ssuq fid-direzzjoni tal-Isptar Mater Dei. Is-sewwieq terz Johann Cordina kien qed isuq warajha, u hekk kif l-appellata għafset il-brejkijiet tal-vettura tagħha sabiex tevita lill-appellant, l-istess Johann Cordina baqa' dieħel fin-naħa ta' wara tal-vettura tagħha u tefagħha għal fuq il-vettura tal-appellant.

**Mertu**

3. L-appellati istitwew proċeduri ta' arbitraġġ fiċ-Ċentru permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Dikjarazzjoni ppreżentati fit-23 ta' Settembru, 2020, fejn talbu s-segwenti:

> "1. *Dikjarazzjoni illi l-intimat Elia Debono huwa responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fis-27 ta' Novembru 2017, fi Triq Dun Karm, Birkirkara u l-kumpannija assikuratriċi intimata għandha tagħmel tajjeb għal dawn id-danni direttament;*
>
> 2. *Kundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti MAPFRE Middlesea p.l.c. is-somma ta' erbat elef erba' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€4,425) u dana bħala riżarċiment tad-danni sofferti minnha per konsegwenza tal-inċident* de quo *u lir-rikorrenti Daniela Ciantar is-somma ta' mitt Ewro (€100) imħallsa minnha in linea ta'* excess;

3. *Kundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti l-ispejjeż tal-proċedura preżenti u wkoll tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi nnumerata 1977/2019 u ddatata l-24 ta' Settembru 2019;*

4. *Kundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti l-interessi mid-data tal-ittra uffiċjali appena ċċitata ossia mill-24 ta' Settembru 2019, sad-data tal-pagament effettiv;"*

4. L-appellanti wieġbu permezz ta' Risposta ppreżentata fiċ-Ċentru fis-26 ta' Ottubru, 2020, fejn issottomettew li l-appellant ma kienx responsabbli għall-inċident iżda kienet taħti l-appellata u s-sewwieq tal-vettura BBS 609 Johann Cordina (K.I. nru. 0651581(M)), stante negliġenza, traskuraġni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naħa tagħhom.

**<u>Il-lodo arbitrali</u>**

5. L-Arbitru għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-lodo arbitrali li wassluh għad-deċiżjoni finali:

***"V. KUNSIDERAZZJONIJIET***

***A. Ġeneralità***

*Għandu jkun elementari li kull azzjoni u forma ta' kondotta trid tkun ippernjata fil-komuni prudenza, imsawwra bid-diliġenza tal-missier tajjeb tal-familja u akkompanjata wkoll minn dak il-bwon sens li l-mument u s-sitwazzjoni pekuljari jkunu jirrikjedu. Din hija l-bażi preventiva għab-bażi tal-liġi tagħna, hekk rakkjuża fl-Art. 1032(1) Kod. Ċiv. Nuqqas ta' adeżjoni ma' dan il-prinċipju bażilari, apparti li jaf iwassal għall-ħtija, jaf jittraduċi ruħu fir-riżarċiment ta' kwalsiasi ħsara konsegwenzjali hekk kif rifless fl-Art. 1033 Kod. Ċiv.*

*Minn tali ottika, għandha tkun ħaġa minn ewl id-dinja – konfinanti mal-ovvju – li fis-sewqan, wieħed hu tenut li jkun munit b'dik il-prudenza, dik id-diliġenza u dak il-bwon sens hawn fuq appena aċċennati. Ma' dan, wieħed iżid jgħid dak li ġej.*

*Ma tibbastax sempliċi padrunanza fiżika tal-vejikolu misjuq, iżda jrid ikun hemm fl-istess ħin, attenzjoni kostanti għal dak li qed jiġri fil-karreġġjata tranżitata, ai marġini tat-triq* de quo, *tad-dintorni, tal-konfigurazzjoni tat-triq, tal-kundizzjoni tal-proprju vejikolu, tal-kundizzjonijiet ambjentali, vejikoli oħra (kemm dawk wieqfa u kemm dawn misjuqa fil-prossimità tal-proprju vejikolu), tar-regolamenti stradali, fost fatturi u kontinġenzi oħra. (fn. 6 Bħala eżemplari ta' fatturi, kontinġenzi li sewwieq għandu jieħu wkoll in konsiderazzjoni huma, fost oħrajn, d-dawl tax-xemx u l-*imprudenza altrui. *Dwar l-ewwel waħda, fid-deċiżjoni tal-14 ta' April, 1961 tal-Qorti ta' Kassazzjoni, hemm rimarkat li, "*Quando l'abbagliamento sia stato cagionato dal conducente di un veicolo incrociate, è giurisprudenza costante che il conducente abbagliato abbia l'obbligo di rallentare e, occorrendo, di fermarsi e che sia in colpa se dall'inosservanza di tale dovere derivi un evento di danno." (*silta meħuda minn "Cassazione Penale: Massimario Annotato", Indici Generali, Giuffré Editore; Vol: IV [1961] massima riporatata f'pagina 1085). L-istess qorti estera, fid-deċiżjoni tagħha bl-isem ta'* "Guatti", *mogħtija fit-22 ta' Ġunju, 1962, sostniet illi,* "In tema di circolazione stradale non può considerarsi caso fortuito l'abbagliamento solare perché lo splendore del sole costituisce un fenomeno astronomico normale e non imprevedibile" *(cfr.* ***Roberto Rovelli****, "Le Responsabilità Civile e Penale per gli Incidenti Della Strada", UTET, 1974; Vol:I, p.49). Inoltre, fid-decizjoni bl-isem ta' "*Fabriani", *mogħtija fil-15 ta' Mejju, 1962, il-Qorti ta' Kassazzjoni Penali sostniet illi,* "il sole, come la pioggia, non costituiscono fatti normali e imprevedibili, ma rientrano nelle normali condizioni ambientali, che il guidatore deve tenere presente e valutare nella condotta di guida." (ibid.) *Fuq din il-materja tagħmel qari nteressanti s-sentenza lokali in re* ***Angela Xuereb et v. Francis Galea et****, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, fis-6 ta' Marzu, 2008 li kienet tittratta fuq abbaljament derivanti mir-raġġi solari fejn, għall-qorti, din ma kientx kontinġenza mprevedibbli u allura ma sservix bħala fattur skużanti.*

*Dwar it-tieni waħda, ċioé l-*imprudenza altrui *(ċioé li sewwieq għandu wkoll jieħu qies li sewwieqa oħra jafu jkunu traskurati fis-sewqan u/jew manuvri tagħhom), wieħed jislef bran mill-każ ta' "P.M. inc. Mancinelli" tal-Qorti ta' Kassazzjoni Penali Taljana, tad-29 ta' jannar, 1965, fejn inghad hekk:* "L-obbligo di adeguare la propria condotta di guida alle circostanze comprende anche il dovere di fare attenzione alle imprudenze altrui, almeno quando queste si presentano probabili." *(cfr.* "Cassazione Penale: Massimario Annotato", *Indici Generali, Giuffré Editore; Vol: X [1965]).* "Secondo l'indirizzo della giurisprudenza il conducente, nel regolare la propria condotta di guida, ha l'obbligo di prevedere le imprudenze e le inosservazione altrui che se presentino come ragionevolmente probabili; ed ha anche l'obbligo di comportarsi in modo da evitare gli incidenti che da quelle

imprudenze o inosservanze possono derivare" (cfr. ***Alpa*** *u* ***Bessone****, "la Responsabbilità Civile: una rassegna di dottrina e giurisprudenza", UTET, 1987; Vol. II p. 648). Fuq l-istess tematika, iżda mix-xena domestika, s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, fil-25 ta' Jannar, 2008 in re* ***Emanuel Conti et v. Salvu Mifsud*** *tgħallem,* inter alia, *illi "*Min għandu l-kontroll ta' vettura jrid il-ħin kollu, joqgħod attent sew għas-sewqan tiegħu, sew għas-sewqan ta' terzi.") *Armat b'din l-attenzjoni, sewwieq jista' jevita kompletament sinistri stradali fejn jista' jweġġa' hu u/jew ħaddieħor jew milli jikkaġuna ħsara fil-proprjetà t'oħrajn, vetturi nklużi.*

*Iżda jista' jagħti l-każ li anke meta dawn id-dettami jiġu skrupolożament segwiti, jaf jkun hemm lok li jissuċċedu inċidenti u danni. Għalhekk, min għandu jiġġudika dwar il-ħtija, għandu jieħu l-kwadru ntier tal-fatti, jevalwa l-provi kollha u jirrintraċċja x'kienet il-kawża prossima u mmedjata li tat lok għall-event lamentat.*

*Marbut ma' dan jiżdied jingħad li persuna msejjħa biex tiġġudika l-fattispeċje ta' event sinistru hi marbuta illi tiskopri u teżamina x'kienet il-kawża prossima u mmedjata li wasslet għall-inċident in kwistjoni, (fn. 7 Wieħed hu mistieden jara, fost il-bosta,* ***Pater Holdings Co. Limited v. Christopher Busuttil*** *(Appell Inferjuri, 13 ta' Ġunju, 2007) u* ***Maria Francesca Spiteri v. Fiona Sammut*** *(Appell Inferjuri, 27 ta' Ġunju, 2007) u r-referenzi fihom magħmula dwar it-tematika tan-ness bejn il-kawża/kondotta u l-effett dannuż.) u ċioé dak in-ness kawżattiv li jorbot il-kawża flimkien mal-effett/i riżultanti mill-istess kawża. Issa, l-Kodiċi Ċivili tagħna ma jikkontjeni ebda tifsira ta' x'inhu ness ta' kawżalità. Il-Kodiċi jgħid biss, tramite l-Art. 1031, illi* 'kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". *Hu però elementari, tirrileva s-sentenza riportata f'****Vol.XLI-II-800****, fuq it-tagħlim tal-****Fadda*** *("Giurisprudenza sul Codice Civile:, Vol. V, pagna 721), illi* "per dare luogo a responsabilità è necessario che esista un rapporto di causa ed effetto tra il fatto illecito e il danno". *Din hi l-hekk imsejha "kawżalità tal-fatt" fis-sens illi mentri tal-ewwel (viz. Responsabbilità) tirreferi għar-rapport li jorbot il-kondotta mal-event dannuż, fit-tieni (viz. Kawzalità), din tistabilixxi r-rilevanza ġuridika tal-konsegwenzi ekonomiċi sfarevoli derivanti mill-fatt. In-ness hu allura dak l-istrument utilizzat biex jiġi mputat id-dannu f'min hu responsabbli, kif ukoll biex tiġi determinata l-konsegwenza tal-fatt dannuż riżarċibbli.*

*Wieħed jgħaddi issa biex jeżamina s-sekwenza ta' fatti ta' dan il-każ u jevalwa l-istess fl-isfond ta' dawk il-prinċipji, fost oħrajn, sovra espressi.*

***B. Regolamenti Stradali***

*Jokkorri, qabel xejn, jiġi reġistrat illi n-nuqqas da parti ta' sewwieq li jottempra ruħu ma' xi regola partikolari, jew aktar, riportati fil-"*Highway Code" *ma tikkonduċix,* per se, *għar-responsabbilità awtomatika, ċerta u nevitabbli tiegħu. Dan 'l ghaliex fin-natura tagħhom, ir-regoli hemm stabbiliti huma ta' sempliċi gwida (fn. 8 B'eżemplari, fost il-bosta fih misjuba, wieħed jirreferi għar-Regolament numru 187 li jirrikmanda kalma u l-użu tal-prudenza waqt is-sewqan u r-Regolament numru 216 li jitkellem dwar sewqan attent u bil-galbu u dwar ir-rispett lejn awtisti oħra.) ta' kondotta u fil-komportament prudenzjali waqt is-sewqan (fil-każ ta' sewwieqa) u/jew meta fit-triq (fil-każ tal-*pedestrians) *u mhux legalment vinkolanti għal min huma ndirizzati (a differenza, per eżempju, tal-*"Codice della Strada"*Taljan). (fn. 9 Dwar dan ara s-sentenza fl-ismijiet* ***Richard Matrenza v. Francois Farrugia*** (Appell *Ċivili, 16 ta' Lulju, 1986; mhux pubblikata).) Madanakollu, n-nuqqas ta' osservanza ta' xi regola (jew regoli) partikolari, meħuda fil-kwadru tal-fatti pekuljari ta' każ, jistgħu jgħinu fl-individwazzjoni tal-ħtija. Għalhekk, għalkemm di natura huma bla effikaċja ġuridika, l-portata dixxipplinari intinsika tagħhom taf titfa' dawl fuq il-mertu ta' inċident stradali.*

*Addizzjonalment, ai termini tar-Regolament numru 12 tal-Kodiċi għat-"Traffiku fit-Triq" (edizzjoni Settembru, 2011) hemm rakkomandat illi,* "It-triq hija l-post fejn il-veru manjieri ta' ndividwu, kemm jekk ikun isuq vettura bil-mutur u kemm jekk ikun pedestrian, jitqieghdu għall-prova. Uri kortesija fit-triq. Rari tinqala' disgrazzja illi ma tkunx ikkaġunata jew li ma ssirx, direttament jew indirettament, minħabba nuqqas ta' kortesija fit-toroq." *Din ir-rakkomandazzjoni tissottlineja illi għalkemm hemm previsti numerevoli regolamenti gwida għall-awtisti ta' vejikoli u* pedestrians, *il-prinċipju bażiku jibqa' dejjem dak tal-prudenza u tal-bwon sens fl-egħmil ta' kwalsiasi utent tat-triq. L-effikacja tar-regolamenti tigi kompletament newtralizzata jekk utent tat-triq jelimina mill-aġir tiegħu dik il-kortesija kontemplata f'dan id-dispost regolamentari; kortesija li,* in fin dei conti, *hi radikata f'dik id-diliġenza fl-operat tal-figura klassika tal-*buon padre fi famigla *kif identifikat fl-Art. 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili. Forsi hu għalhekk li jinsab mgħallem li, "*Il-kwistjoni tar-responsabilità f'inċidenti stradali wisq rarament tista' tiġi risoluta sempliċement bl-applikazzjoni ta' regoli 'a priori' u kull każ jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu" *(**Salvatore Bongailas v. Joseph Mercieca**, Appell Ċivili, 20 ta' Jannar, 1967). (fn. 10 Huwa* ius receptum *illi "*kull każ ghandu fattispeci pekuljari għalih u ma jkunx ġust illi l-mertu tiegħu ma jkunx eżaminat a se stante u deċiż fuq il-fatti ottenuti. Fil-kontinġenzi żvarjati tal-ħajja, ċ-ċirkustanzi individwali ta' kull każ ma jistgħux jiġu injorati jew evalwati b'mod irriġidi u nflessibbli." *(**Andrew Briffa v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, Appell Inferjuri, 1 ta' Novembru, 2006). Fuq l-istess stregwa kienet id-deċiżjoni ta'* ***Loris Bianchi pro et noe v. John Vella*** *(Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju,*

*2007) fejn intqal illi "*Tajjeb dejjem, però li jinżamm in mira illi kull każ għandu l-fattispeċi pekuljari tiegħu u dawn iridu jiġu mistħarrġa fuq il-meriti jew id-demeriti tagħhom" *u dik ta'* ***Maria Victoria Zammit v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** *(Appell Inferjuri, 23 ta' Ottubru, 2009) fejn hemm imtenni li,* "Kull każ għandu l-istorja tiegħu u jrid per konsegwenza jiġi eżaminat fil-kwadru tal-fattispeċi pekuljari tiegħu". *L-eżami tal-fatti singolari ta' kull każ ma hi xejn ħlief norma ntiża biex tiġi reża dik il-ġustizzja sostantiva li kull każ partikolari bi dritt jistħoqqlu) L-istess insenjament ġie riprodott fil-kawża* ***Carmel sive Charles Debono et noe v. Carmel Camilleri*** *(Prim'Awla, 21 ta' Novembru, 2008).*

**C. *Responsabbiltà* Side-Road User**

*B'żieda mal-prinċipji ġenerali riportati aktar kmieni, tinħass il-ħtieġa li jigi senjalat aspett legali pertinenti għal dan il-każ. Għall-Arbitru jirriżulta ċar li l-intimat Debono kien qiegħed jutilizza triq sekondarja bl-intenzjoni li jidħol fi triq prinċipali fejn Ciantar kienet l-utent. Hawnhekk allura jeħtieġ li jiġu rijepilogati ċertu prinċipji aktar speċifiċi għal tali xenarju.*

*Bħala punt ta' tluq, huwa ndubitat li* main-road user *għandu ċertu obbligi f'xenarju bħal dak eżaminat f'dawn il-proċeduri. Dan hu prinċipju, ormai stabbilit f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati tagħna, hekk bħal per eżempju fil-kawża* in re ***John Farrugia v. Edmond Camilleri*** *(Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju,2007) fejn insibu mtenni li,* "il-main road user m'għandux, unikament bħala tali, xi brevet ta' immunità minn kwalunkwe responsabbilità f'kull infortunju stradali li jkun ko-involt is-side road user. Primarjament, għaliex id-diliġenza fis-sewqan hi rikjesta indistintament mill-konduċenti kollha, sija jekk ikunu ġejjin minn toroq laterali jew maġġuri." Addizzjonalment, *fis-sentenza* in re ***Nazzareno Azzopardi v. Maria Dolores Fenech*** *(Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-30 ta' Ġunju 2004) ingħad hekk:* "Il-main road user għandu wkoll l-obbligu li joqgħod attent [...] l-grad ta' diliġenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-side road user għax hu ma jkunx qiegħed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi għad-dritt." *Dan it-tagħlim, u ieħor fl-istess vina, hu misjub fis-sentenzi, qalb oħrajn, fl-ismijiet* ***Maġġur Alfred Stagno Navarra v. Nicola Saliba et*** *(Appell Superjuri, 7 ta' Novembru, 1961);* ***Il-Pulizija v. George Buttigieg et*** *(Appell Kriminali, 30 ta' Marzu, 1963); u* ***Fogg Limited et v. Martin Vella*** *(Prim'Awla, 31 ta' Mejju, 2001).*

*L-utent ta'* side-road *li jixtieq jidħol għal ġo triq prinċipali però jadossa fuqu kemm responsabbilità akbar fid-diliġenza rikjesta minnu, kif ukoll l-oneru li jipprova skont il-liġi li l-akkadut ikun seħħ min-*main road abuser. *Dan tal-aħħar għandu favurih presunzjoni (fn. 11 Skont it-tagħlim ta'* ***FRANCESCO RICCI*** *("Delle Prove", UTET,*

*1891; §34; pp. 52-53),* "L'attore che ha a favore della sua domanda una presunzione è dispensato dall'onere della prova: cosí pure dallo stesso onere è dispensato il convenuto la cui eccezione ha base in una presunzione. Effetto della presunzione è, come si esprime la Cassazione di Torino (decis. 16. Febbraio 1855, vii, 1, 176), di far considerare la cosa presunta come provata sinche' non si dimostri il contrario. La parte, quindi, cui una presunzione è opposta, non può limitarsi ad asserire il contrario, ma deve distruggere la presunzione stessa con una chiara e indubitata prova della fatta impugnativa.") iuris tantum *li jekk iseħħ sinistru b'tali mod, huwa l-utent tas-*side-road *li x'aktarx ikun ikkawża l-inċident u d-dannu konsegwenzjali. Sakemm dan tal-aħħar ma jseħħx, il-*main road user *hu mgħejjun minn dak provdut fl-Art. 1234 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid illi,* "Dak li għandu favur tiegħu preżunzjoni stabbilita mil-liġi,

*F'dan l-isfond, utli li ssir referenza għas-segwenti riljev ġurisprudenzjali:*

*(i)* *Fis-sentenza* in re ***Dr. Francis Portanier v. Carmelo Mallia*** *(Appell Inferjuri, 20 ta' April, 2005), in prim'istanza (deċiżjoni tat-2 ta' Lulju, 2004) kien ingħad li, "*F'materja simili hija ġurisprudenza kostanti illi sewwieq li ħiereġ minn side-road għandu piż kbir mitfugħ fuqu li qabel ma joħroġ fuq it-triq prinċipali għandu jieqaf, jesplora t-triq sew u meta joħroġ, joħroġ bil-galbu (edging out) u mingħajr ma jagħmel ħsara għall-flow tat-traffiku fuq it-triq prinċipali. F'kull ħin għandu jżomm a proper lookout. Da parti l-oħra, fir-rigward tas-sewwieqa tat-triq fuq il-main-road, għalkemm għandhom id-dritta m'għandhomx jabbużaw mill-pożizzjoni tagħhom. Huma tenuti wkoll li jżommu a proper lookout." *Il-Qorti tal-Appell qablet interament mad-deċiżjoni appellata u żiedet tgħid mal-appena ċitat bran illi,* "hu tagħlim daqstant ieħor importanti illi min ikun ħiereġ minn side street għal main road għandu l-obbligu li juża l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf għal kollox jew joħroġ 'inching out' u jassigura li t-triq hi libera. Is-side road user għandu juża grad ta' diliġenza l-iżjed għolja u viġilanza l-iżjed qawwija, billi għandu d-dmir li jċedi lit-traffiku li jkun fit-triq prinċipali, għax il-manuvra li jkun sejjer jagħmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun għaddej minnha.";

*(ii)* *Inoltre, d-dover tas-*side road user hu *li dan irid jidħol ġol-"main road" bla ma jieħu riskji li sewwieq prudenti ma jieħux.* Side road user *ma jistgħax joħroġ ġo* main road *bl-iżgiċċaturi (ara **Il-Pulizija v. Giuseppe Galdes**,* Appell *Kriminali, 30 ta' Mejju, 1953) u meta wieħed jiġi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam għal kollox (ara **H. Farrugia v. R. Ripard**, Appell*

*Superjuri, 15 ta' Frar, 1974; mhux pubblikata). Dan kollu reġa' ġie abbraċċjat fi żmien aktar riċenti fejn ġie mgħallem li: '*min ikun ħiereġ minn side street għal main road għandu l-obbligu li juża l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf għal kollox jew joħroġ inching out, u jassigura li t-triq hi libera'. Is-side road user għandu juża grad ta' diliġenza l-iżjed għolja u viġilanza l-iżjed qawwija, billi għandu d-dmir iċedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq prinċipali, għax il-manuvra li jkun sejjer jagħmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun għaddej minnha. Minn dawn il-prinċipji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel ċertament il-presunzjoni, li tibqa' dejjem s'intendi juris tantum illi l-main road user, una volta kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli għall-inċident sakemm is-side road user ma jippruvax illi l-main road user seta' jigi kwalifikat bħala main road abuser. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jgib prova adegwata li l-kawża prossima tal-kolliżjoni kienet għal kollox jew in parti dovuta għan-negliġenza fis-sewqan tal-main road user, inkella, jekk ma jirnexxielux jagħmel dan, il-main road user jibqa' sostenut mill-preċitata presunzjoni"*(ara **Il-Pulizija v. Joseph Saliba**, Appell Kriminali, 30 ta' Settembru, 2020, b'ċitazzjoni b'approvazzjoni ta' sentenza ċivili preċedenti fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited noe et v. Raymond Vella**, Appell Inferjuri, 22 ta' Ġunju, 2005);*

*(iii)* *Hija regola fil-Kodiċi Stradali li,* "it-traffiku fit-triq prinċipali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun dieħel, jew li jkun se jħalli t-triq prinċipali" *(Reg. 212 – "id-Dritta tat-Triq" tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq p.53) liema regola hija kodifikata fl-Art. 82(1) tal-L.S. 65.11* "Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur" *li tipprovdi li, "*Id-driver ta' vettura li jkun ġej minn triq sekondarja għal triq prinċipali għandu jħalli jgħaddi t-traffiku tat-triq prinċipali." *Wieħed jista' wkoll jagħmel referenza għall-Art. 82(4) tal-istess L.S. fejn jingħad illi,* "Meta żewġ vetturi jaslu f'toroq differenti li jiffurmaw junction forma ta' T, dik li tkun fit-triq junction għandha tagħti preċedenza lil dik fit-triq id-dritta."; *Minn ottika ġurisprudenzjali ukoll ġie mfakkar li,* "id-driver li jkun dieħel minn 'side road' għal ġo 'main road' għandu ċerti doveri x'josserva, fosthom dak li jċedi għat-traffiku fuq il-"main road", li jesplora tajjeb il-"main road" qabel ma joħroġ fiha, u dak li jmexxi "dead slow", u saħansitra jwaqqaf, biex jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara. Il-'main road user' għandu wkoll joqgħod attent fil-'cross roads'; imma l-grad ta' diliġenza li tinkombi lilu huwa ferm anqas." *(ara **Il-Pulizija vs Anthony Galea**, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru, 1953).*

## *VI. Il-Każ Odjern*

*B'dan kollu reġistrat, l-Arbitru, wara li eżamina u reġa' eżamina għal diversi drabi, u bl-aħjar ħila u reqqa li jippossjedi, l-provi prodotti, d-deposizzjonijiet mogħtija u s-sottomissjonijiet imressqa mid-difensuri tal-partijiet (fn. 12 Sottomissjonijiet saru fis-seduta tal-1 ta' Frar 2022) – jtendi jinklina lejn il-verżjoni tar-rikorrenti u jgħid illi l-ħtija ta' dan l-inċident għandha tirrikadi esklussivament fuq l-intimat Elia Debono. Ir-raġunijiet ta' dan is-sejbien ta' ħtija huma s-segwenti:*

i. *Fl-ewwel lok irid jiġi imfakkar li l-intimat Debono naqas milli jipprovdi t-testimonjanza tiegħu f'dawn il-proċeduri iżda sempliċement straħ fuq dak li kien qal fir-rapport. Din il-verżjoni tiegħu hija waħda xotta u kienet ta' ftit għajnuna. Huwa kien qal hekk: "*Kont qed fi service road ġewwa Triq Dun Karm, nsuq direzzjoni lejn Msida, waqaft fuq Stop Sign fil-kantuniera ma' Triq Ċensu Busuttil u wara ftit li ħriġt nħoss f'daqqa, nieqfu u nsibha miegħi". *Bid-dovut rispett, din il-verżjoni hija mimlija kuntradizzjonijiet u nuqqas ta' veraċità. Debono ma kienx waqaf kantuniera ma' Triq Ċensu Busuttil, iżda kien ġewwa din it-Triq li titqies sekondarja, sabiex joħroġ fuq Triq Dun Karm. L-Arbitru ftit jista' jifhem kif l-intimat sempliċement straħ fuq din l-istqarrija u ma offra l-ebda prova oħra matul il-proċeduri arbitrali.*

   *Dan ma jfissirx li l-intimat Debono qed jiġi penalizzat mill-Arbitru għax hu għażel li ma joffrix id-deposizzjoni tiegħu. Dan ifisser biss illi l-istess Debono ppreġudika l-posizzjoni tiegħu stess meta għażel li ma jixhedx f'dawn il-proċeduri arbitrali. Tali xhieda – kemm in eżami u kif ukoll f'każ ta' kontro-eżami – kienet ċertament titfa' aktar dawl fuq l-eventi li seħħew dakinhar. Madanakollu, Debono eleġġa li jistrieħ solament fuq verżjoni qasira reġistrata fl-okkorrenza tal-inċident in eżami u, għalhekk, l-Arbitru jkollu jislet l-inferenzi fattwali u/jew ġuridiċi minnha.*

ii. *Illi t-testimonjanza tar-rikorrenti Ciantar, li ovvjament għandha interess f'dawn il-proċeduri, ġiet suffiċjentement korroborata mix-xhieda ta' Jonathan Cordina, li għalkemm kien involut fis-sinistru hawn eżaminat, huwa totalment estranju għal dawn il-proċeduri. Dan ix-xhud ikkonferma kif il-vettura misjuqa minn Elia Debono ħarġet minn* STOP sign *meta kien tard wisq għalih sabiex jwaqqaf l-andament u l-momentum tal-vettura minnu misjuqa. L-Arbitru hawnhekk jagħmel tiegħu dan it-tagħlim riportat fis-sentenza* in re ***Jeffrey Caruana v. Carmel Montesin*** *(Appell Superjuri, 30 ta' Mejju, 2014) bla ħtieġa li jirrepetieh hawnhekk.*

iii. *L-intimat Elia Debono, għalkemm kien wieqaf fi Triq Ċensu Busuttil, għażel li, b'nuqqas assolut ta' prudenza u diliġenza, joħroġ fuq it-triq prinċipali, Triq Dun Karm, fl-agħar ħin ta' dawk iċ-ċirkostanzi, u ċioe' meta Ciantar kienet ġejja minn fuq il-lemin tiegħu u diġà waslet fil-viċinanzi din it-triq laterali. Kienet biss u unikament il-manuvra ażżardata ta' Elia Debono li wassal għal dan l-inċident. Kif ġie riċentement affermat fis-sentenza* in re ***Il-Pulizija v. Andreas Buhagiar*** *(Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 7 ta' Lulju, 2022), b'self minn ġurisprudenza preċedenti,* "Ġie wkoll ritenut li is-"side road user", għandu dritt li jaqsam ġol-"main road", meta bid-debita prudenza, ikun aċċerta ruħu li din hija libera (App. Krim. Pul. vs. Nazzareno Borg, 12.11.1960) u li "side road user" irid jidħol go "main road" bla ma jieħu riskju li driver prudenti ma jieħux." (App. Krim. Pul. vs Giuseppe Galdes, Vol. XXXVII, iv. P. 1108)". *Elia Debono ma spjegax 'l għaliex għażel dak il-mument partikolari sabiex joħroġ għal fuq il-'main road' u lanqas ma offra dettallji tal-miżuri prekawzjonali li hu kien ħa qabel ma ddeċieda joħroġ għal fuqha.*

iv. *Huwa minnu li inizjalment Ciantar irnexxilha tevita l-impatt ma' Elia Debono, iżda il-fatt li Cordina (li għal darb'oħra jingħad ma ġiex intromess f'dawn il-proċeduri) laqgħat lill-istess Ciantar bil-konsegwenza tad-dannu hawn issa riżolt, ma jfissirx u ma jitfax ħtija fuq Cordina. Kienet biss il-manuvra inkonsulta ta' Debono, bi ksur lampanti tar-Regolamenti stradali u tad-doveri ta' komuni prudenza u diliġenza li kien il-kaġun ta' dan l-inċident peress li bil-manuvra tiegħu ħoloq emerġenza subitanea għall-utenti tat-triq prinċipali. Tassew, l-Arbitru sottofirmat ma jsib l-ebda ħtija kontributorja fis-sewqan ta' Ciantar għaliex kif huwa mgħallem,* "Mhux il-każ lanqas li tiġi applikata xi ħtija kontributorja fis-sewwieq Magri għaliex ebda infrazzjoni tal-Kodiċi stradali ma twettqet minn dan li b'xi mod tista' tirritjenih responsabbli. Kif deċiż mill-Qorti tal-Appell in re: "Schembri -vs- Zammit", Appell Ċivili, 15 ta' Marzu 1963, 'ma jistax ikun hemm negliġenza lanqas kontributorja jekk ma jkunx hemm 'kolpa' fis-sens ta' imprudenza jew negliġenza materjali u kawżativa fis-sens tal-liġi". Negliġenza din li fil-każ preżenti, minħabba r-raġuni predetta tal-emergenza subitaneja maħluqa mill-appellanti, din il-Qorti ma tirravvisax fl-imġiba tas-sewqan ta' Victor Magri". *(ara* ***Citadel Insurance et v. Jonathan Borg,*** *Appell Inferjuri, 29 ta' Mejju, 2009). Għalhekk, il-kontributorjetà hija nieqsa għaliex l-emerġenza subitaneja kienet biss tal-intimat Elia Debono. L-Arbitru ma rriskontra l-ebda nuqqas t'osservazzjoni ta' xi regola kemm mir-rikorrent u lanqas minn Cordina. Huwa l-intimat Debono li kiser ir-Regolamenti 212 (fn. 13 Dan jgħid*

*hekk:* 'Jekk ma jkunx muri xort'oħra, it-traffiku fit-triq prinċipali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam li jkun dieħel, jew li jkun se jħalli t-triq prinċipali".*) u 213 (fn. 14 Dan jgħid hekk:* "F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereġ minn, it-triq prinċipali.") *tal-Kodiċi Għat-Traffiku fit-Triq.*

*v.* *Huwa minnu li Cordina jgħid li Debono qabad u ħareġ minn Triq Ċensu Busuttil, iżda din l-aħħar stqarrija trid tittieħed b'ċertu kawtela. Il-vettura l-aktar qrib kienet dik ta' Ciantar li qalet li rat il-vettura wieqfa, u l-istess Cordina jgħid li Debono ħareġ bil-mod. Għall-Arbitru sottofirmat huma tnejn il-possibilitajiet. Jew Debono baqa' ħiereġ sparat minn fuq l-i*STOP sign *jew inkella, għażel mument verament ħażin u mprudenti biex b'mod mhux ċert, joħroġ fuq it-triq prinċipali. Fiż-żewġ xenarji għandu jaħti solament u unikament l-intimat Elia Debono.*

*Stabbilita l-ħtija tal-akkadut, dak li jifdal huwa l-aspett tad-danni. Tali aspett ġie riżolt tramite l-eċċezzjoni tal-intimati li ddikjaraw li l-ammont mhuwiex qiegħed jiġi kontestat."*

## <u>L-appell</u>

6. L-appellanti ħassew ruħhom aggravati bil-lodo arbitrali, u ntavolaw appell quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru, 2022, fejn qegħdin jitolbu sabiex jiġi revokat il-lodo arbitrali, u jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet tagħhom billi ma jinstabx l-appellant responsabbli għall-inċident in kwistjoni, iżda mingħajr preġudizzju u fl-agħar ipoteżi huwa għandu jinstab responsabbli biss f'parti żgħira stante li huwa proprju responsabbli għall-imsemmi inċident Johann Cordina, fejn dan għandu jiġi rifless fil-likwidazzjoni tad-danni, fl-ispejjeż legali u fl-imgħax. Jgħidu li l-aggravji tagħhom huma s-segwenti: (a) l-appellant ma kellux jinstab responsabbli għall-inċident in kwistjoni; (b) fl-agħar ipoteżi l-appellant huwa responsabbli għal parti mill-inċident stante li Johann Cordina kien jaħti prinċipalment għalih.

**Ir-risposta tal-appell**

7. L-appellati ppreżentaw ir-risposta tagħhom fl-24 ta' Novembru, 2022, fejn issottomettew li l-lodo arbitrali huwa wieħed ġust, u għaldaqstant għandu jiġi kkonfermat fl-intier tiegħu għal dawk ir-raġunijiet li huma jfissru fit-tweġiba tagħhom.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet magħmula mill-Arbitru fil-lodo arbitrali, filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet tal-appellati kif ippreżentati fit-tweġiba tagħhom.

9. L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa li l-appellant ma kellux jinstab responsabbli għall-inċident in kwistjoni. Jissottomettu li kif jirriżulta mill-atti u mill-provi, l-appellata kien irnexxilha twarrab minn quddiem l-appellat hekk kif dan allegatament kien ħareġ minn *service road,* u l-inċident seħħ biss meta Johann Cordina ma rnexxilux jiskapulha u b'hekk ħabat fl-appellata li baqgħet dieħla għal fuq l-appellant. B'hekk dan tal-aħħar ma kellux jinżamm responsabbli, fejn irriżulta saħansitra li ma kienx hemm distanza xierqa bejn il-vettura tal-appellata u dik ta' Johann Cordina. Jallegaw li dan tal-aħħar ma żammx *a proper lookout,* u anki lanqas kellu kontroll tal-vettura tiegħu. Għalhekk jinsistu li l-istess Johann Cordina kien jaħti għall-inċident *de quo*. Jgħidu li hemm element ta' 'awto inkolpazzjoni' min-naħa ta' dan is-sewwieq, għaliex jirriżulta li huwa kien konxju li l-appellant kien ħareġ minn fuq *stop sign,*

u għalhekk ċertament ma kienx attent f'dak li kien hemm direttament quddiemu. Jgħidu li jirriżulta wkoll li kien hemm element ta' veloċità minħabba l-ħsarat li ġarrbu l-vetturi, u ma kinitx verosimili d-dikjarazzjoni ta' Johann Cordina li huwa kien għaddej b'veloċità ta' 30kfs. In sostenn tal-allegazzjoni tagħhom, huma jiċċitaw dak li qalet l-appellata li *"l-impatt kien wieħed qawwi u enormi".* Irrilevaw li skont ix-xhieda tal-istess Johann Cordina, dakinhar kienet ix-xita u għalhekk huwa kellu jkun iktar prudenti fis-sewqan tiegħu billi joqgħod attent li jkollu l-kontroll tal-vann tiegħu fejn dan kellu toqol iktar minn vettura normali. L-appellanti jagħmlu riferiment għal dak li qalet l-appellata dwar il-ħsarat li ġarrbet il-vettura tagħha, u jesprimu dubju kemm tassew Johann Cordina kien qed isuq b'veloċità ta' 30kfs, meta l-istess appellata stqarret li hija kienet qegħda ssuq b'veloċità ta' bejn 40kfs u 50kfs, iżda xorta waħda ma rnexxielux iwaqqaf il-vettura tiegħu. Barra minn hekk jgħidu li ma kienx verosimili li l-istess Johann Cordina kien żamm distanza ta' żewġ vetturi bejnu u l-appellata. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appellanti jikkontendu li l-appellant ma kellux jinżamm responsabbli għall-inċident in kwistjoni. Dwar it-tieni aggravju tagħhom, jiġifieri fejn l-appellanti qegħdin jikkontendu li fl-agħar ipoteżi l-appellant huwa responsabbli f'parti zgħira għall-inċident in kwistjoni, isostnu li l-kawża prossima u prinċipali tal-inċident kien Johann Cordina, u għalhekk ir-responsabbiltà għall-ħsarat u għall-ispejjeż għandhom jinqassmu skont ir-responsabbiltà tagħhom għall-akkadut, fejn l-imsemmi Johann Cordina għandu jeħel iktar.

10. L-appellati jilqgħu għall-appell tal-appellanti billi jirrilevaw qabel xejn li dan jirrigwarda l-kwistjoni ta' responsabbiltà tal-appellant għall-inċident fejn kienu nvoluti tliet vetturi. Wara li jispjegaw id-dinamika tal-inċident u jagħmlu

riferiment għall-iskizz tal-Pulizija u għax-xhieda tal-appellata u dik tal-appellant, jissottomettu li dan tal-aħħar b'mod konvenjenti għoġbu jiskarta l-fatt li kieku ma kienx għall-manuvra perikoluża tiegħu, l-inċident ma kienx iseħħ. Jgħidu li għalkemm huwa jipprova jitfa' l-ħtija tal-akkadut fuq l-allegata veloċità eċċessiva tas-sewwieq Johann Cordina, din mhijiex ikkorraborata mill-provi, fejn saħansitra l-appellant ma xehedx sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu. Jirrilevaw ukoll li l-appellant ma tefa' l-ebda ħtija fuq Johann Cordina meta ta l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija, u lanqas ukoll ma kkummenta fuq il-veloċità tiegħu. L-appellati jissottomettu li l-appellata qatt ma xehdet dwar il-veloċità tas-sewwieq Johann Cordina, u l-verżjoni tagħha ma tinstabx kontradetta. Wara li jiċċitaw dak li qal l-istess Johann Cordina fix-xhieda tiegħu, għall-argument tal-appellanti dwar il-ħsarat estensivi fil-vettura tal-appellata, jwieġbu li dawn kienu kawża tal-fatt li tali vettura ġarrbet ħsarat minn quddiem u anki minn wara, u kull konstatazzjoni oħra tista' biss tkun assunzjoni. L-appellati jsostnu li ma kienux jiswew l-allegazzjonijiet tal-appellanti fir-rigward tan-nuqqas ta' distanza li kien hemm bejn il-vettura ta' Johann Cordina u n-nuqqas ta' *a proper look-out* min-naħa tiegħu, u dan għaliex kienu skorretti u anki mhux ikkorraborati. Dwar il-fatt li l-appellata laħqet waqfet il-vettura tagħha, iżda Johann Cordina warajha ma rnexxielux jagħmel l-istess, jgħidu li dan jista' jkun attribwit għal diversi fatturi, fosthom: (a) kienet għamlet ix-xita; (b) is-sistema ta' brejkijiet ta' vettura hija differenti minn oħra; (ċ) il-qis u l-piż differenti tal-vetturi rispettivi tagħha u ta' Johann Cordina; (d) l-appellata kellha magħha żewġt itfal minuri, u għalhekk jista' jkun li hija kienet qegħda tuża iktar attenzjoni; (e) l-appellata kienet qegħda ssuq quddiem Johann Cordina, u għalhekk kellha *"split second"* iktar sabiex tieħu azzjoni. Jikkontendu li bla dubju kienet il-manuvra li wettaq l-

appellant, li kienet il-kawża prossima tal-inċident in kwistjoni, fejn dan saħansitra ħareġ f'triq prinċipali u ħasad il-vetturi misjuqa hemmhekk. Isostnu li l-mistoqsija hawn kienet waħda sempliċi, jiġifieri jekk l-inċident kellux iseħħ fl-eventwalità li l-appellant ma kienx ħareġ fit-triq prinċipali. Jgħidu li t-tweġiba hija "le", għaliex l-appellata u Johann Cordina kienu għaddejjin dritt f'triqithom għall-affari tagħhom.

11. Il-Qorti tgħid li l-lodo arbitrali huwa wieħed tajjeb. Wara li l-Arbitru rrileva d-diversi prinċipji ġenerali iżda anki speċifiċi fiċ-ċirkostanzi fejn utent ta' triq sekondarja ried joħroġ fi triq prinċipali, u wara li kkunsidra l-provi prodotti mill-partijiet u s-sottomissjonijiet magħmulin mid-difensuri tal-partijiet, wasal għall-konklużjoni li kien proprju l-appellant waħdu li kellu jaħti għall-inċident in kwistjoni. Huwa fisser is-segwenti raġunijiet in sostenn ta' dan: (i) l-appellant kien naqas milli jixhed u minflok strah fuq dak li qal *a tempo vergine* u tniżżel fl-okkorrenza tal-inċident, liema verżjoni kienet nieqsa mid-dettal, mimlija kontradizzjonijiet, u mhux verosimili; (ii) il-verżjoni tal-appellata kienet ġiet adegwatament ikkorroborata mix-xhieda ta' Johann Cordina, li għalkemm involut fl-inċident *de quo,* huwa ma kienx parti mill-proċeduri u saħansitra xehed kif il-vettura misjuqa mill-appellant kienet ħarġet minn fuq *'stop sign'* meta kien tard wisq sabiex iwaqqaf il-vettura tiegħu; (iii) għalkemm l-appellant kien wieqaf fi triq sekondarja, iddeċieda li joħroġ fit-triq prinċipali b'nuqqas assoluta ta' prudenza u diliġenza, u kienet din il-manuvra tiegħu waħedha li kkawżat l-inċident in kwistjoni; (iv) l-appellant permezz tal-manuvra tiegħu ħoloq emerġenza għall-utenti tat-triq prinċipali, filwaqt li ma setgħet tinstab l-ebda ħtija kontributorja min-naħa tal-appellata, u lanqas ma seta' jiġi misjub xi nuqqas t'osservazzjoni ta' xi regola min-naħa tal-appellata u min-naħa tas-

sewwieq Johann Cordina; u (v) għalkemm kien minnu dak li qal dan tal-aħħar li l-appellant qabad u ħareġ mit-triq sekondarja, din id-dikjarazzjoni kellha tittieħed b'ċertu kawtela stante li kienet l-appellata l-iktar qrib, u li qalet li kienet rat lill-appellant wieqaf.

12. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Arbitru u tagħmel tagħha dawn l-osservazzjonijiet attenti u eżawrjenti. Tirrileva li l-appellanti evitaw għal kollox milli jirribattu dak ikkonstatat u kkunsidrat mill-Arbitru kif imfisser fil-paragrafu preċedenti, u minflok qajmu kwistjonijiet oħra sabiex b'hekk tefgħu l-ħtija fuq sewwieq terz fit-triq prinċipali, li ċertament ma jistax jingħad li għandu xi responsabbiltà għall-akkadut.

13. Għaldaqstant, il-Qorti ma ssibx l-aggravji tal-appellanti ġustifikati u tiċħadhom.

## <u>Decide</u>

**Għar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellanti billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu skont il-lodo arbitrali, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**